



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 2067/2013, imressqa minn Jose Diez-Lanza Eguiguren, ta' ċittadinanza Spanjola, dwar il-fondi tal-FEŻR fi Spanja

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jikkritika l-użu tal-fondi tal-FEŻR fil-viċinanza ta' Cadiz. Huwa jallega li l-fondi ntefqu fuq bini ta' uffiċċji li baqgħu vojta u fuq stejdzum tal-football li, skont kif jallega hu, ma għandu xejn x'jaqsam mal-għan tal-fondi tal-FEŻR. Huwa jinsisti li l-Ewropej kollha jikkontribwixxu għal dawn il-fondi u għalhekk tali fondi għandhom jiġu ċċekkjati b'reqqa kbira.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Awissu 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Is-servizzi tal-Kummissjoni talbu spjegazzjoni mill-awtoritajiet ta' ġestjoni Spanjoli dwar il-fatti ppreżentati mill-petizzjonant. Abbażi tal-informazzjoni li waslet, is-CZFC huwa korp intermedjarju involut fil-ġestjoni tal-fondi tal-FEŻR fil-programm tal-FEŻR f'Andalucía għall-2007-2013 b'ammont ta' finanzjament ta' EUR 66 miljun. Il-proġetti kkonċernati huma fi ħdan il-Prijorità 2 tal-programm, li jappoġġja l-iżvilupp tan-negozju, u attwalment qed jiġu implimentati. L-awtorità ta' ġestjoni indikat li l-proġetti li ġew iffinalizzati s'issa fi ħdan il-programm (il-kostruzzjoni ta' bini mkessaħ u l-kostruzzjoni tal-"Bini Ewropa") għandhom rata ta' okkupazzjoni ta' 87 %. Għaldaqstant, il-bini kkofinanzjat u implimentat qed jintuża. Fl-aħħar nett, l-"*edificio Carranza*" (anness għall-istejdzum tal-futbol) ma ġiex ikkofinanzjat mill-FEŻR.

Rigward l-affermazzjoni li l-investimenti promossi minn dan il-korp intermedjarju ma jikkonformawx mal-obiettivi tal-FEŻR, l-awtorità ta' ġestjoni tikkonferma li dawn għandhom bħala għan l-appoġġ tal-attività ekonomika u kummerċjali tal-qasam tal-influwenza tagħha permezz tal-iżvilupp ta' ċentri ta' kummerċ, ċentri industrijali, bini kummerċjali u industrijali u bini għal servizzi ta' intrapriżi.

Fir-rigward tal-bejgħ ta' spazju għall-uffiċċji kkofinanzjati mill-FEŻR mis-CZFC, l-awtorità ta' ġestjoni tindika li s-CZFC biegħ uffiċċji fil-Bini Glorjeta u Fenicia u ċ-Ċentri tan-Negozju Poniente u Levante fl-2003 u l-2008 (kollha kkofinanzjati mill-FEŻR taħt il-Qafas Komunitarju ta' Appoġġ li jkopri l-perjodu 1994-1999) u l-ammonti miksuba minn dan il-bejgħ kienu użati għal azzjonijiet ġodda f'dan il-qasam.

Konklużjoni

Is-servizzi tal-Kummissjoni jikkonkludu li, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonant u mill-awtorità ta' ġestjoni, ma jidher li hemm l-ebda ksur tar-Regolament tal-FEŻR fil-ġestjoni tal-fondi min-naħa tas-CZFC.